# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Ħamis, 18 ta' Jannar, 2024

**Numru 3**

**Rikors Numru 65/17TA**

**James Sebastian Baldacchino ID396297M u Anushka Baldacchino ID 261080M**

**vs**

**Mark Bugeja ID 8390M**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' James Sebastian Baldacchino u Anushka Baldacchino (l-Atturi) tal-20 ta' Jannar 2017 li permezz tiegħu premettew u talbu s-segwenti:

> "Peress li l-atturi inkarigaw lill-konvenut, li kien u ghadu jivvata li hu espert fit-tiswija tal-vetturi Range Rover, biex isewwilhom il-vettura taghhom Range Rover HSE Sport bin-numru tar-Registrazzjoni KBR 606, li fuqha kien xi zmien qabel zviluppa nar;
>
> Peress li Mark Bugeja accetta l-inkarigu, u thallas bil-quddiem €3000, ppretenda hlas akbar ta' €7000 ohra, u dan permezz ta' Rikors quddiem il-Qorti tal-Magistrati 144/2016 pendenti quddiem il-Magistrat Dr Caroline Farrugia Frendo;
>
> Peress li wara l-vettura kienet ilha ghand il-konvenut u kkonsenjaha bhala hielsa mid-difett, u waqt li kienet qed issuq l-attrici bit-tfal u missierha fl-istess vettura, fi triq pubblika, u ghall-gharrieda, il-vettura zviluppat nar qawwi u spiccat total loss, liema fatt gara fit-22 ta' April, 2016 ghall-habta tat-8.00 pm, fl-inhawi ta' Hal Gharghur.

Peress li bl-agir tieghu il-konvenut rrenda ruhu responsabbli tad-danni kagjonati lill-atturi, u dan minhabba inadempjenza tal-obbligi kontrattwali, u dan minhabba nuqqa ta' sengha, traskuragni, jew presunzjoni fil-mod kif jippresenta ruhu l-konvenut bhala espert fit-tiswija ta' vetturi partikolari bhal tal-atturi.

Illi ma kien hemm l-ebda htija da parti tal-attrici jew tal-attur li l-vettura hadet in-nar;

Ghaldaqstant l-atturi jitolbu li din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni mehtiega u moghti kull provvediment opportuni;

(1) Tiddikjara li l-konvenut huwa unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-atturi fl-inident li gara fit-22 ta' April 2016 ghall-habta tat-800 pm fl-inhawi ta' Hal Gharghur, u dan ghar-ragunijiet premessi;

(2) Tillikwida d-danni kollha sofferi mill-atturi;

(3) Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma li tigi hekk likwidata.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali."

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Mark Bugeja (il-konvenut) tas-7 ta' April 2017 li permezz tagħha wieġeb u eċċepixxa s-segwenti:

1. "Illi l-azzjoni attriċi ma timmerita ebda akkoljiment, billi l-hruq tat-22 ta' April 2016 ma sehhx b'konsegwenza ta' xi nuqqas jew htija tal-intimat. Illi jispetta lir-rikorrenti li jressqu prova ta' dak allegat minnhom, u cioe' li l-hruq sehh b'konsegwenza ta' dak minnhom dikjarat fis-sitt (6) premessa tar-rikors mahluf, li l-intimat jirrespingi b'mod kategoriku.

2. Illi l-intimat wettaq l-inkarigu lilu moghti mir-rikorrenti skond l-arti u s-sengha, u dwar il-parts li kienu meħtieġa li jinbidlu, bidilhom u uża parts ta' kwalità tajba. Ma kellu ebda htija ghat-tieni hruq li sofriet il-vettura mertu tal-kawża fl-incident li sehh fit-22 ta' April 2016.

3. Illi ghalhekk, it-talbiet li jirreferu għall-likwidazzjoni u hlas tad-danni, bhala konsegwenzjali ghad-dikjarazzjoni ta' responsabilita', ghandhom ukoll jigu michuda. L-intimat ma kkaguna ebda danni lir-rikorrenti.

4. Illi r-rikorrenti fethu din il-kawza biss bhala ritaljazzjoni talli l-intimat fetah proceduri legali kontra taghhom sabiex jithallas tas-servizz minnu pprestat u spejjez minnu sborzati dwar tiswijiet li ghamel f'din il-vettura.

5. Illi fir-rikors mahluf hemm dikjarazzjonijiet li m'ghandhomx mis-sewwa u li m'humiex veritiera, kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ohra, u bl-ispejjez."

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-Kawża.

Semgħet u qrat ix-xhieda imressqa mill-patijiet fil-Kawża.

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

**1.** L-atturi huma propjetarji ta' vettura Range Rover HSE bin-numru tal-pjanċa KBR 606. Din il-vettura xtrawha mingħand Bellia Auto Dealer fit-2 ta' Mejju 2014 versu l-prezz ta' tnejn u erbgħin elf u ħames mitt ewro (€42,500) (a' fol 28).

**2.** Cirka sebgħa xhur wara li xrawha, din il-vettura ħadet in-nar (a' fol 66). Xtrawha second hand u ġiet importata mill-Ing ilterra. L-Atturi ħadu din il-karozza għand il-konvenut peress li kien espert fit-tiswija ta' din il-marks ta' vetturi. L-atturi laħqu ħallsu €3500 u l-konvenut jgħid li għad fadlilhom bilanċ ta' €7500 xi jħallsu.

**3.** Din il-vettura damet xi xahrejn għat-tiswija għand il-konvenut. Ġurnata minnhom, circa tlett ġimgħat wara reġgħu saru x-xogħolijiet fuqha mill-konvenut, meta l-Attriċi kienet flimkien ma' missierha u uliedha, din il-vettura reġgħet ħadet in-nar. L-Atturi jinsistu li huma għalhekk sofrew id-danni għaliex il-konvenut ma wettaqx xogħolu b'imperizja,

traskuraġni jew nuqqas ta' osservanza ta' regoli sewwa ta' tiswija ta' vetturi u kif ukoll naqas mill-obbligi kuntrattwali tiegħu.

**4.** Għalhekk qegħdin jagħmlu din il-Kawża.

**Punti ta' liġi**

**5.** L-artikoli tal-kodiċi Ċivili li jirregolaw il-kwistjoni li għandha quddiemha din il-Qorti huma dawn:

"*1031. Iżda, kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu.*

*1032. (1) Jitqies fi ħtija kull min bl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-famiija.*

*(2) Ħadd ma jwieġeb, fin-nuqqas ta' dispożizzjoni espressa tal-liġi, għall-ħsara li tiġri minħabba nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenzajew ta' ħsieb fi grad akbar.*

*1033. Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel deni,għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta'ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa ii biha jikser xi dmir impost mil-liġi, hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabbaf'hekk."*

**6.** Sa fejn jirrigwarda dawn it-tlett artikoli wieħed jitlaq mill-prinċipju ġenerali taħt artikolu 1031 tal-kodiċi Ċivili, jiġifieri li kulħadd għandu jwieġeb għall-ħsara li ssir bi ħtija tiegħu, iżda kif jipprovdi s-subartikolu li jsegwi, is-subartikolu 1032(1), ir-responsabbiltà hija limitata fejn ma tkunx intużat il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja. Għalhekk huwa ċar li l-artikolu 1033 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi għall-

eventwalità li tiġri l-ħsara minħabba għemil jew nuqqas ta' għemil, li jkun sar kemm bil-ħsieb u wkoll mingħajr ħsieb li jsir id-deni, jew b'rieda kif ukoll b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb. Kwantu għal dawn ix-xorta ta' danni "*hu mprexxindibbilment rikjest sabiex ikun hemm lok ghad-danni li jkun hemm ness ta' kawzalita bejn il-fatt kolpevoli u l-konsegwenza dannuza*." ( Ara **kollez. Vol. XLIV P1 p.343**).

**7.** Illi di piu' ġie stabbilit li f'din ix-xorta ta' azzjoni erbgħa huma l-elementi li jridu jirriżultaw: "*il-fatt dannuz illeċitu; l-imputabbilita ta' l-istess fatt għal min ikun għamlu; id-dannu ikkapunat minn dan l-istess fatt u id-"dolus" jew "culpa" da parti ta' min ikun għamlu.*" (Ara **Appell fl-ismijiet Agius -vs- Busuttil tal-14 ta' Diċembru 1982**).

**8.** Għalhekk huwa ben ċar li l-piż tal-prova kemm tal-illeċitu fih innifsu u kif ukoll tal-konsegwenzjali danni jaqa' unikament fuq spallet l-Attur. Il-konvenut jista' joqgħod lura ma jagħmel xejn b'dana ma jfissirx li ma jistax iressaq danni biex jikkontradixxi l-provi mressqa mill-Attur.

**Konsiderazzjonijiet**

**9.** Il-materja li għandha quddiemha il-Qorti hija teknika u l-Qorti ma setgħet qatt tasal għal deċiżjoni jekk mhux bl-assistenza ta' perit tekniku. Kien għalhekk li fis-seduta tat-30 ta' Mejju 2018 din il-Qorti ħatret lil Natalino Aguis bħala espert tekniku biex jeżamina jekk il-ħruq u kombustjoni (it-tieni darba) ta' din il-vettura kienx dovut għall-fatt li l-konvenut esegwixxa xogħol ħażin.

**10.** Fil-parti konkluživa tiegħu dan l-espert jgħid hekk:

"*In my opinion the vehicle's fire was not caused by ignorance or negligence from any of the parties involved. Something failed to function as designated by the manufacturing… Wear and tear may trigger any unit to malfunction or seize to operate as designed at any given time. This could surely create heat which will in no time result in fire. Whilst repairs where being taking place the vehicle's standard repair procedures have been followed, all existing faults have been cleared and re set and no warning lights or other damages had been claimed to still exist…"* u dwar x'setgħet kienet il-kawża tal-ħruq jgħid hekk: "*It's more likely that there was a combination of causes: mechanical causes, electrical causes and chemical causes and they all contribute together to create an incredibly dangerous situation"* (a' fol 86). Fix-xhieda tiegħu l-espert tal-Qorti jgħid li din il-vettura qabżet l-għaxar snin sew fit-triq (a' fol 94 tergo).

**11.** Il-Qorti m'għandha ebda rapport ieħor ħlief dak tal-perit tagħha. Ma ġie presentat ebda rapprot ex-parti biex jikkonvinċi lil din il-Qorti tallontana ruħha mill-konklużjonijiet tal-perit tagħha. F'dan ir-rigward intqal li "*In linea ta` principju, ghalkemm Qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet ta` perit tekniku kontra l-konvinzjoni taghha (dictum expertorum numquam transit in rem judicata), fl-istess waqt dak ma jfissirx pero` illi Qorti dan tista' taghmlu b' mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha*

*sottomessa b'ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja that taht ezami* (Ara **Sentenza fl-ismijiet Grima -vs- Mamo et noe tal-Qorti tal-Appell tad-29 ta' Mejju 1998**). Il-Perit in eskussjoni mill-partijiet baqa' ferm mal-konklużjonijiet tiegħu anzi kompla jamplifika dwarhom.

**12.** Il-Qorti temmen li l-każ tal-Attur huwa wieħed sfortunat għaliex il-vettura inkwistjoni jidher li għandha difett intrinsiku. Huwa minnu li l-konvenut wiegħed li jista' jsewwi d-difett, iżda il-fatt ma sewwiehx ma jfissirx li huwa tort tiegħu. Il-Qorti temment li l-Attur sa mill-bidu messu dar fuq min biegħlu din il-vettura, iżda għal xi raġuni dan ma għamlux (ara a' fol 104). Aktar minn hekk l-anqas ma assigura l-vettura kontra nirien wara l-ewwel inċident għaliex fi kliemu kellu "*money issues*" (a' fol 109). Pero' xorta xtara karrozza ta' €13,000 (a' fol 109).

**Decide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-Kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni** tal-konvenut.

**Tiċħad it-talbiet Attriċi.**

Spejjes tal-Kawża a' karigu tal-Attur.

**Imħallef Toni Abela** **Deputat Reġistratur**